MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1382/2003

**The Golden Shepherd Group Limited**

**Vs**

**Rose Hamed**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenuta thallas is-somma ta' hames mija u hames liri Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm505.73c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' elf lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm1,000.73c) dovuta ghal servizzi u kura medika rezi lilha u dan jirrizulta mill-fatturi 12023801 u 12023802 u dan a bazi ta' *Pre-Registration Form* esebit bhala Dokument C.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li eccepiet li l-gudizzju mhux integru peress li r-ragel tal-konvenuta mhux inkluz f'dawn il-proceduri u li l-ammont miftiehem bejn il-partijiet fil-fatt thallas mill-konvenuta kif ser jirrizulta waqt il-kaz.

Sema’ x-xhieda tal-konvenuta, ta’ Dr Astrid Camilleri u ta’ John Depasquale.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr James Bannister ghas-socjeta’ attrici u ta’ Dr Edward Gatt ghall-konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi dwar l-eccezzjoni ta’ l-integrita’ tal-gudizzju, l-konvenuta ma tantx enfasizzat fuqha. Anzi, ma tressqu l-ebda provi u wisq inqas ma saru sottomissjonijiet fuq dan il-punt. Inoltre t-Tribunal jidhirlu li ghalkemm kien ikun ahjar kieku kien imdahhal fil-kawza r-ragel tal-konvenuta, dan ma jfissirx li l-azzjoni ma tistax titkompla. Illi ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenuta rat reklam li huwa ntestat *Maternity Scheme* ma’ l-Isptar St Philips u a bazi taghha hija hallset depozitu ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) fi flus kontanti fit-2 ta’ Novembru, 2002 u dan anki kif jidher mill-*Pre-Registration Form* a fol 4 tal-process u l-ircevuta esebita fl-atti. Il-*Pre-Registration Form* ma jaghti l-ebda dettalji dwar ir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet hlief il-fatt li b’rizultat tieghu l-konvenuta giet irregistrata bhala eventwali pazjenta ta’ l-Isptar St Philips. M’huwiex ikkontestat li l-Isptar huwa amministrat mis-socjeta’ attrici.

Il-kwistjoni kollha tirrigwarda l-interpretazzjoni korretta ta’ reklam fuq imsemmi li jinsab esebit a fol 30 tal-process. F’dan ir-reklam hemm informazzjoni dwar *Antenatal Classes* u fil-fatt hemm anki kaxxa li jaghti deskrizzjoni ta’ l-*Antenatal Course*, mbaghad hemm kaxxa ohra ghaliha li taghti din l-informazzjoni:

*“Antenatal Classes – LM20*
*6 sessions*

*Normal Delivery - LM295*
*2 nights stay*

*Open Weekend Package – LM200 *Normal Delivery Only"*
**Din il-klawsola hija b'tipa akbar u kulur differenti**

*Caesarian Delivery – LM495*
*5 nights stay*

*"*Please note that Caesarian Sections are not discounted in the Open Weekend Package"*.

Imbaghad f'dan ir-reklam hemm kaxxa ohra li tghid hekk:

"**Included in Package Price**
✓ Constant midwifery and nursing attendance
✓ Nursery Care
✓ Neonatal Care in fully equipped nursery
✓ Some Consumables (e.g. dressing pads, baby toiletries)
✓ Birth notification in one newspaper

**Not Included in Package Price**
- Baby's blood grouping (if required)
- Pharmaceuticals (e.g. prostin gel, drugs, etc)
- Pathology (e.g. blood tests, urine tests, etc)
- Emergency Call Out Fees (when applicable)
- Consultant's fee (kindly discuss with your consultant)"

Il-konvenuta ssostni illi meta hija mliet il-*Booking Form* u meta eventwalment ghamlet id-*delivery* permezz ta' operazzjoni cesarja hija dejjem fehmet li din se tiswila total ta' erba' mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm495).

Is-socjeta' attrici qieghda ssostni illi l-erba' mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm495) huma ghal *stay* u ghall-*items* li huma ndikati fil-partita taht il-heading *Included in Package Price* u ma jinkludux l-items li jaqghu taht l-intestatura *Not*

*Included in Package Price* u fil-fatt il-mertu tal-kawza jirrigwardaw l-items *Not Included in Package Price*.

It-Tribunal jidhirlu illi l-kwistjoni kollha tirrizolvi dwar interpretazzjoni korretta ta' l-*advert* in kwistjoni.

F'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghall-Att Dwar il-Konsumaturi (Kap. 378). Taht din il-ligi reklam u servizzi jinsabu defeniti hekk:

"riklam" tfisser kull rapprezentazzjoni, inkluzi katalogi, cirkolari u lista ta' prezzijiet, dwar xi kummerc, negozju, sengha jew professjoni sabiex tingieb 'il quddiem il-provvista jew it-trasferiment ta' oggetti jew servizzi, proprjetac immobbli, drittijiet jew obbligazzjonijiet u "reklamar" ghandha tiftiehem skond hekk;

"servizzi" tinkludi l-provdiment, fil-kors jew bi tkomplija ta' kummerc, negozju, sengha jew professjoni, ta' kull ghamla ta' kors edukattiv, professjonali jew istruttiv, facilitajiet ghall-moghdija taz-zmien, divertiment, rikreazzjoni, attivitajiet sportivi u kulturali, programmi dwar l-estetika, is-sahha u affarijiet li ghandhom x'jaqsmu man-nutriment, servizzi ta' sptar u ta' infermeriji, akkommodazzjoni u facilitajiet analogi, ta' kull ghamla, u t-twettieq bi tkomplija ta' xi kummerc, negozju, sengha jew professjoni ta' kull ghamla ohra ta' xi xoghol jew xi azzjoni bi skambju ghal hlas jew xi rigal;

Reklam jista' jkun falz jew mhux veritier (deceptive or misleading):

"If it deceives or is likely to deceive the person to whom it is addressed/whom it reaches and by reason of its deceptive nature is likely to affect their economic behaviour."

Ir-reklam irid jigi analizzat fit-totalita' tieghu u ghandu jittiehed kont tal-features kollha tieghu tenut kont in-natura tas-servizz/prodott, il-prezz, drittijiet u obbligazzjonijiet tal-partijiet etc.

F’dan ir-rigward it-test huwa ghalhekk oggettiv kif ukoll suggettiv. Oggettiv ghaliex wiehed ghandu jhares lejn ir-reklam fit-totalita’ tieghu u suggettiv ghaliex minnu wiehed ghandu jezamina l-effett li avviz ghandu jew huwa “likely” li jkollu fuq “the ordinary man on the street”. Inoltre wiehed ghandu jara jekk il-*misleading information* saritx bi skop qarrieqi billi tali agir jaffettwa r-riperkussjonijiet li jista’ jsofri min ghamel dan ir-reklam.

Minn ezami tar-reklam fuq imsemmi t-Tribunal jidhirlu li dan ir-reklam mhux car u daqsxejn “tricky” pero’ d-domanda hija jekk dan ir-reklam jistax jigi kkonsiderat bhala “misleading”.

Mill-provi jirrizulta li dan l-*advert* qatt ma gie spjegat u diskuss mal-konvenuta. Lill-konvenuta hadd ma spjegalha xejn. L-Isptar jipprova jghid illi ftit minuti qabel mal-konvenuta dahlet biex taghmel l-operazzjoni kien hemm nurse li spjegatilha li s-*caesarian* ser tiswilha aktar, pero’, apparti li dan ma tantx huwa kredibbli, l-mument certament ma kienx wiehed opportun. Jekk pazjenta qieghda lesta biex taghmel operazzjoni ftit minuti ohra, ma tantx ser ikollha ghazla biex tiddeciedi trid jew ma tridx dak li qed jigi offrut. Kien ikun ferm aktar ghaqli kieku kien gie spjegat lill-konvenuta mill-bidu nett, meta l-Isptar sar jaf l-ewwel darba li kellha bzonn taghmel l-operazzjoni cesarja xi spiza kienet sejra tinvolviha u mhux thalliha tasal biex tkun qieghda sejra lejn it-teatru ta’ l-operazzjonijiet.

Jekk wiehed jara sew l-*advert* in kwistjoni, fil-parti fejn issemmew il-prezzijiet li ser jigu ccargjati, l-unika post fejn tintuza l-kelma *package* hija fejn hemm referenza ghal *Weekend Package*. Il-formola nnifisha hija ntestata bhala *Maternity Scheme*. Meta jissemmew il-prezzijiet tan-*normal delivery* u *caesarian delivery*, m’hemmx indikazzjoni ta’ *package*. Imbaghad fil-kaxxa *Included* u *Not Included in Package* wiehed ghalhekk gustament jista’ jasal ghall-konkluzjoni illi din il-kaxxa tirrigwarda biss ghal servizz li jinghata fil-*weekend* billi hawn biss tissemma l-kelma *package*. Il-fatt li lill-konvenuta hadd ma spjegalha xejn, il-fatt li lanqas il-konsulenta Dr Astrid Camilleri ma

hasset il-htiega li tispjega jew tiddiskuti mal-pazjenta dwar dan huma fatturi mportanti.

Inoltre, xi nghidu dwar l-anestetista? Il-pazjenta qatt ma ser tiddiskuti u tinnegozja prezzijiet mieghu – probabbilment lanqas biss taf min hu ahseb u ara kemm ser tiddiskuti mieghu.

Wiehed ma jistax jinjora l-fatt illi fl-*item Not Included in Package* hemm il-*Consultant Fees* u fil-fatt f'dan ir-rigward il-pazjenta hija nvitata biex tiddiskuti direttament mal-Konsulent taghha. Certament il-Konsulenta kienet konxja ta' din il-prattika billi dan huwa fix-xoghol normali taghha u ghalhekk kien ikun xieraq u ghaqli kieku l-Konsulenta stess iddiskutiet il-fees taghha. Il-fatt li l-Konsulenta lanqas hasset il-htiega jew necessita' li tiddiskuti dan mal-pazjenta, kif qalet hi, "ghax il-konvenuta ma staqsitnix" m'hijiex spjegazzjoni gustifikabbli u bizzejjed. Wara kollox hija thallset mill-Isptar.

U hawn wiehed jistaqsi: "Ghaliex l-Isptar hallas lil Dr Camilleri meta dan ma kienx inkluz fil-package?" Risposta ghal dan ma nghatatx.

It-Tribunal sincerament ihoss li r-reklam kien *misleading* u li l-konvenuta giet *misled*. Hija kienet gustifikata li tahseb li l-prezz totali kien ser ikun ta' erba' mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm495) u xejn aktar. Hadd ma spjegalha xejn. L-*advert* missu kien aktar car biex min ikun qed jiehu d-decizjoni jkun jista' jehodha serenament u liberament.

Dan ghandu riperkussjonijiet fuq is-socjeta' attrici li ghalhekk ghandha tbati l-konsegwenzi relattivi billi, a tenur tal-premess it-Tribunal jidhirlu li l-kumpens xieraq a tenur ta' l-imsemmi reklam ghandu jkun ta' erba' mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm495).

Il-konvenuta hallset l-ammont ta' erba' mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm495) li huwa l-ammont minnha miftiehem u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------